**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 4 ta’ Dicembru, 2017**

**Talba Nru: 9/2017 PM1**

**Keuhne + Nagel Limited (C10626)**

**Vs**

**Mario Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta’ Jannar, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici l-ammont mitlub li jirrapprezenta drittijiet u spejjez dovuti lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma’ servizzi debitament rezi fuq inkarigu tal-konvenut kif ghandu jirrizulta minn invoices li gja jinsabu fil-pussess tal-istess konvenut; bl-ispejjez u bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta’ kull invoice, sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimat li permezz taghha eccepixxa li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-freight

relattiv kien gie mhallas mill-konvenut fl-ewwel okkazzjoni meta ntbaghtet l-ewwel konsenja li wasslet iddanneggjata b'tort tal-attur. Il-konvenut kellu jerga jordna konsenja ohra u kien ghalhekk id-dover u l-obbligu tal-attur li l-freight tat-tieni konsenja fis-sostituzzjoni tal-oggetti iddanneggjati ghandhom jithallsu mill-attur.

Sema x-xhieda ta' Frank Zammit in rapprezentenza tas-socjeta` attrici moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Frar, 2017 flimkien mad-dokumenti ezebiti mill-istess xhud (fol. 10 et. seq tal-process).

Sema x-xhieda tal-intimat Mario Falzon moghtija fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2017 (fol. 26 et. seq. tal-process) flimkien mad-dokumenti ezebiti mill-istess xhud.

Sema x-xhieda ulterjuri moghtija mill-istess intimat u minn Chris Conlon fis-seduta tat-3 t'April, 2017

Sema' x-xhieda tal-intimat in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Gunju, 2017 u d-dokumenti ezebiti waqt dik is-seduta (fol. 111 et. seq.)

Sema' x-xhieda in kontro-ezami tal-intimat Mario Falzon moghtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru, 2017.

Sema x-xhieda ta' Frank Zammit in kontro-ezami waqt is-seduta tal-4 t'Ottubru, 2017 u d-dokumenti relattivi.

Ra li waqt din is-seduta il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru, 2017.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat prezentata wkoll waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru, 2017.

Ra li l-kawza gie differita ghall-ghoti tas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-kawza odjerna s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' drittijiet u spejjez dovuti lill-istess socjeta` attrici in konnessjoni ma' servizzi debitament rezi fuq inkarigu tal-konvenut skont l-invoices annessi mal-istess avviz fl-ammont ta' €2651.27, liema serviġi jikkonsistu fit-trasport ta' merkanzija ossija għamara. Min-naħa tieghu il-konvenut issostni li l-ebda ħlas m'huwa dovut peress li partijiet mill-merkanziji kkonsenjati lilu kellhom danni li għalihom kienet responsabbli s-soċjetà attriċi. F'dan ir-rigward il-konvenut jjeccepixxi espressament illi "*l-freight relattiv kien gie imhallas mill-konvenut fl-ewwel okkazzjoni meta ntbaghtet l-ewwel konsenja li wasslet iddannegjata **b'tort tal-attur**. Il-konvenut kellu jerga jordna konsenja ohra u kien ghalhekk id-dover u l-obbligu tal-attur li l-freight tat-tieni konsenja in sostituzzjoni tal-oggetti iddanneggjati ghandhom jithallsu mill-attur*." (enfazi mizjuda)

Illi din il-kawża effettivament tiċċentra fuq kwistjoni ta' provi konfliġġenti mressqa mill-partijiet, xi ħaġa sfortunatement komuni f'ħafna kawżi, iżda li tista' tiġi riżolta billi wieħed jara min kien fl-obbligu jġib il-provi biex jissostanzja dak li qiegħed jiġi allegat.

Illi min jallega jrid jipprova jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif jgħid ċar u tond l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ġie ritenut konsistentement fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna. (ara f'dan is-sens **Dr. H. Lenicker vs. J. Camilleri**, Prim'Awla, 31 ta' Mejju 1972; **Peter Paul Aquilina vs. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995 u **Anthony Azzopardi et. u Carmel sive Charles Azzopardi nomine vs. Lapsi Holdings Limited**, Prim' Awla, 19 ta' Jannar, 2015).

Illi huwa car li l-prova tas-servizz tal-ġarr u tat-trasport tal-għamara inkwistjoni, kien jinkombi fuq s-soċjetà attriċi li tagħmel din il-prova, ħaġa li indubbjament għamlet, tant illi m'hemm ebda kontestazzjoni f'dan ir-rigward anke min-naha tal-intimat salv illi dan, min-naha tieghu jikkontendi li parti mill-merkanzija konsenjata kienet bi hsara. Proprju peress li s-soċjetà konvenuta kkontestat fuq żewġ binarji l-ammont reklamat mis-soċjetà attriċi, u cioe` kemm minħabba allegati ħsarat f'uhud mill-konsenji, kif ukoll minħabba

li, skont hu, peress illi t-tieni konsenja kienet in sostituzzjoni tal-ewwel wahda l-ispejjez u drittijiet relattivi ghal din it-tieni konsenja kellhom, skont hu, isiru mill-attur, kien jinkombi fuq il-konvenut li jipprova dawn il-pretensjonijiet tieghu.

Illi minflok jidher bl-aktar mod car illi l-konvenut intilef fl-argumentazzjoni tieghu stess tant illi matul il-kors ta' dawn il-proceduri ezebixxa ghadd voluminuz ta' dokumenti li mhux necessarjament kienu relattivi ghad-difiza mressqa minnu. Hekk ukoll waqt it-trattazzjoni tal-kawza mar sahansitra oltre l-eccezzjonijiet pjuttost semplici li originarjament ressaq permezz tar-risposta tieghu u kkontenda wkoll li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici m'huwiex dovut ghaliex:

(i) huwa sofra hsarat fil-merkanzija li jmorru oltre dak mitlub mis-socjeta` attrici,

(ii) minkejja li l-qbil raggjunt mas-socjeta` attrici, is-socjeta` attrici naqset li tipprovdi assikurazzjoni fir-rigward tal-konsenji.

(iii) Is-socjeta` attrici kienet qed tkun eccessiva fir-rati applikati fil-konfront tas-servizzi rezi lilu.

Ovvjament it-Tribunal huwa tenut li jikkunsidra l-kawza odjerna entro l-parametri tat-talba u l-eccezzjonijiet imressqin permezz tar-risposta prezentata mill-intimat. Huwa minnufih car li l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija dik tal-pagament fejn huwa jikkontendi li fl-ewwel okkazzjoni huwa kien diga` hallas diga` ghall-konsenja li rrizultat dannegjata. F'dan ir-rigward l-intimat jidher li baqa' ma ressaq ebda prova li tipprova b'mod konklussiv il-pagament allegat minnu. Fir-rigward tat-tieni konsenja li saret in sostituzzjoni tal-ewwel l-intimat jikkontendi li din kellha tithallas mis-socjeta` attrici stess. F'dan ir-rigward ma jirrizultax a bazi ta' xiex l-intimat qieghed iressaq din il-pretensjoni, jekk, kif donnu jirrizulta mill-istess eccezzjoni, kenitx din xi haga li kien qed jippretendi hu unilateralment min-naha tas-socjeta` attrici, jew xort'ohra.

Illi fir-rigward tal-hsara allegata mill-intimat fir-rigward tal-konsenji ukoll mertu tal-kawza jinghad illi, anke fir-rigward tal-'quantum' soffert bhala danni kulma ressaq l-intimat kien kalkolu mhux sorrett minn prova cara bhal ricevuti jew *survey*, anke jekk

'ex parte'. Lanqas ma tressqet ebda prova dwar x-xogħlijiet ta' tiswija illi kellhom isiru fuq l-għamara danneġġjata liema ghamara jidher li ghada fil-pussess tal-istess intimat (xhieda moghtija mill-intimat a fol. 30 tal-process).

Illi apparti dan, f'każ bħalma huwa dan fejn, apparti s-surreferit, kienu qegħdin jiġu allegati danni, kif gustament nutat mid-difensur tas-socjeta attrici b'referenza ghal dak ricentement deciz mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Customs and Freight Agency Limited v. M.R. Company Limited** deciza fil-24 ta' Frar, 2017:

> "*kien jispetta lis-soċjetà konvenuta li titlob separatament dawn id-danni permezz ta' kontrotalba, fejn tintalab il-likwidazzjoni tagħhom. Fit-trattazzjoni finali l-abbli avukat difensur tas-soċjetà konvenuta, għamel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet Anthony Marcel Pace Asciaq noe vs. Joseph u Salome miżżewġin Camilleri, però din is-sentenza bl-ebda mod mhi ta' konfort għas-soċjetà konvenuta. Anzi l-kuntrarju, f'dik il-kawża, il-proċedura li ntużat kien li ġie kkontestat l-ammont pretiż minħabbba xogħol difettuż, iżda kienet proprju saret kontrotalba biex jiġi rranġat ix-xogħol diffetuż. Illi fir-rigward tal-prova ta' danni li kellha ssir mis-soċjetà konvenuta, din il-Qorti ma ssibx kredibbli l-allegazzjoni ta' ħsarat fil-merkanzija li qiegħed jintalab il-ħlas għall-ġarr u għat-trasport tagħha f'din il-kawża. Kieku tassew kien hemm ħsarat f'din l-għamara, persuna bħar-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta b'esperjenza twila fl-importazzjoni, żgur kien jagħmel claim formali għad-danni. Imma minflok għamel claim formali għad-danni, ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta ħa l-liġi b'idejh billi*

> *iddeċieda li ma jħallasx somma konsiderevoli ta' flus li kienet dovuta lis-soċjetà attriċi għas-servizzi reżi minnha lis-soċjetà konvenuta, u dan billi allega li kien hemm danni minħabba ħsarat, (…) F'kontrotalba s-soċjetà konvenuta kienet l-ewwel tkun tenuta li tressaq prova tal-ħsarat, prova li llum m'għadhiex eżistenti aktar għax skont s-soċjetà konvenuta dawn il-ħsarat ġew irranġati; kienet issir likwidazzjoni b'mod preċiż tal-ħsarat; kienet issir indaġini u jitressqu provi dwar min kien responsabbli għall-ħsarat u fejn dawn saru u fejn ġew l-ewwel riskontrati u dan f'kuntest fejn is-soċjetà konvenuta is-CMR forms iffirmathom dejjem mingħajr ebda riserva."*

Illi huwa car li l-principji legali surreferiti huma pjenament applikabbli ghall-kaz in ezami fejn il-fattispeci tal-kaz huwa pressokke` identiku ghal dak in ezami. F'dan il-kaz ukoll ma jidhirx li saret 'claim' formali min-naha tal-intimat permezz ta' liema kwantifika id-danni sofferti minnu u dana la 'a tempo vergine' u lanqas matul il-kors ta' dawn il-proceduri fejn ma tressqet ebda kontro-talba f'dan ir-rigward. Anzi, jirrizulta car anke mix-xhieda tal-istess intimat li ***"bhala posizzjoni tieghi miniex qed nitlob danni li jiena soffrejt u qatt ma ressaqt talba fir-rigward ta' dawn id-danni ghalissa. Il-kontenzjoni taghna hija li ahna m'ghandna nhallsuhom xejn fir-rigward tal-konsenji merti ta' din il-kawza"*** (xhieda moghtija fit-13 ta' Marzu, 2017 a fol. 30 tal-process) u kwindi huwa car li dak li qed jippretendi l-intimat huwa li jkun sufficjenti ghalih li jibqa' passiv quddiem it-talba ghall-hlas min-naha tas-socjeta` attrici u dana billi merament jikkontendi li l-hsarat sofferti minnu jannullaw ghal kollox it-talba attrici, irrispettivament mill-entita` tal-hsara u mill-htiega li tigi pruvata ir-responsabilita` ghall-istess. F'dan ir-rigward jinghad li kien kjarament jispetta lill-istess intimat illi, a sostenn ta' dan, iressaq provi cari u almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet li (i) giet ikkawzata hsara

fir-rigward tal-konsenji mertu ta' din l-azzjoni (ii) li jikkwantifika tali hsara tramite *surveyors* appuntati ghal tali skop (iii) jipprova, fuq kollox, li ghal tali hsara tahti esklussivament is-socjeta` attrici u (iv) a bazi ta' xiex kien qed jippretendi li *freights* sussegwenti jsiru mis-socjeta` attrici b'xejn. F'dan ir-rigward jidher car li lilhinn mir-ritratti tal-ghamara dannegjata, u mill-ammissjoni derivanti min-naha tas-socjeta` attrici a bazi tad-*delivery order* ezebita a fol. 17 tal-process (liema provi ser jigu kkunsidrati debitament fl-ahhar parti ta' din is-sentenza) provi cari u konkreti u li jaghtu lit-Tribunal is-serhan tal-mohh li almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-hsara sofferta mill-intimat hija kollha responsabilta` tas-socjeta` attrici baqghu ma tressqux.

Illi wisq anqas ma hemm ebda prova konkreta illi tali hsara tista' b'xi mod isservi sabiex iggib fix-xejn it-talba kollha attrici. Ovvjament lanqas taghmel sens legali il-kontenzjoni li ma setghetx issir kontro-talba ghaliex il-valur tad-danni imur ferm oltre dak li jiddetermina il-kompetenza *ratione valoris* ta' dan it-Tribunal u dana peress illi l-intimat kien dejjem fil-liberta` li jressaq it-talba tieghu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni allegatament spettanti lilu quddiem il-forum kompetenti f'dan ir-rigward.

Illi fi kwalunkwe kaz, minkejja li ma tressqet ebda prova dwar il-kwantifikazzjoni tad-danni effettivament subiti, it-Tribunal ma jistax ma jikkunsidrax debitament illi id-*delivery notice* ezebita fol. 17 tal-process tindika bl-aktar mod car illi almenu dik il-konsenja partikolari mertu tal-proceduri odjerni kienet affetta minn hsara. Kien fuq kollox a bazi ta' din il-konsiderazzjoni li l-istess socjeta` attrici offriet tnaqqis ta' tmin mitt euro (€800) mis-somma mitluba lill-intimat li rrifjutah. It-Tribunal isib illi dan ir-rifjut min-naha tal-intimat kien ingust u mhux gustifikat tenut kont illi huwa min-naha tieghu m'ghamel xejn sabiex ikun jista' jikkontradixi din l-offerta ta' skont li kienet qed issir mis-socjeta` attrici billi jindika, tramite provi cari, ir-responsabilita` tas-socjeta` attrici ghal kwalunkwe hsara ulterjuri u wkoll l-ammont ta' hsara relattiva. Aktar minn hekk it-Tribunal isib li, anke minkejja l-ghadd voluminuz ta' dokumenti li tressqu mill-intimat f'dan ir-rigward anke matul dawn il-proceduri huwa xorta wahda ma rnexxielux jissodisfa l-oneru tal-prova rikjesta minnhu skont il-ligi. Ai fini ta' kompletezza jinghad li

l-intimat lanqas ma kien gustifikat filli jippretendi li ma jhallas xejn mill-ammont mitlub u dana anke ghaliex, fir-rigward tal-assikurazzjoni il-*quotes* mahrugin mis-socjeta` attrici kienu cari fl-eskluzjoni tal-istess filwaqt li m'hemm xejn x'jindika li s-socjeta` attrici prentendiet hlas mhux dovut abbazi ta' rati eccessivi. Anzi jidher li t-tnaqqis propost imur oltre dak li ssoltu jkun applikabbli abbazi ta' *limitation of liability clauses* f'poloz tal-garr.

Ghaldaqstant it-Tribunal isib li tenut kont tas-surreferit, l-offerta maghmulha inizjalment mis-socjeta` attrici kienet wahda gusta u ekwitattiva u kwindi ser jilqa' t-talba tal-istess socjeta` attrici limitatament wara li jnaqqas l-istess bis-somma ta' tmin mitt euro (€800) u dana wara li ra x-xhieda ta Frans Zammit, direttur tas-socjeta` attrici fis-sens li: "*l-bilanc kollu huwa dak mitlub permezz ta' din il-kawza u l-ammont ta' elfejn, sitt mija u wiehed u hamsin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2651.27) ma jinkludi l-ebda tnaqqis fir-rigward tal-offerta li konna ghamilna ahna permezz ta' document FZ7*" (xhieda moghtija fit-23 ta' Frar, 2017 a fol. 12 tal-process). Madanakollu, tenut kont tal-fatt li jinsab inkontestat li tali offerta kienet diga` saret mis-socjeta` attrici u giet rifjutata mill-intimat, it-Tribunal ihoss li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-intimat li, kif inghad, baqa' ma pruvax sodisfacentement li kien intitolat ma jhallas xejn lis-socjeta` attrici kif minnu pretiz.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet, tenut kont tac-cirkostanzi surreferit, dawn ghandhom jibdew jiddekorru fir-rigward tas-somma likwidata permezz ta' dawn il-proceduri mid-data tan-notifika lill-intimat tal-avviz odjerna u cioe` mill-24 ta' Jannar, 2017.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jilqa' limitatament l-eccezzjonijiet tal-intimat, jilqa' wkoll limitatament it-talba attrici fis-somma ta' elf, tmin mija u wiehed u hamsin euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€1851.27), u jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` attrici is-somma imsemmija ta' elf, tmin mija u wiehed u hamsin euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€1851.27) jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat ghall-bqija, bl-ispejjez u bl-

imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-procedura odjerna jigu sopportati interament mill-intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**